

Brussell, 19 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8409/26

UK 85
COMER 65
SERVICES 22
TRANS 237
AVIATION 63
PECHE 134
ENER 192
SOC 210
JAI 476
COPEN 143
RECH 184

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 166 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq l-1 ta' Jannar – il-31 ta' Diċembru 2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 166 final.

Mehmuż: COM(2026) 166 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2026
COM(2026) 166 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-
Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda
ta' Fuq**

l-1 ta' Jannar – il-31 ta' Diċembru 2025

Werrej

1. Introduzzjoni.....	2
2. Qafas istituzzjonali	3
3. Ilmenti u soluzzjoni tat-tilwim.....	4
3.1. Ilmenti	4
3.2. Soluzzjoni tat-tilwim.....	4
4. Implimentazzjoni settorjali	5
4.1. Kummerċ ta' merkanzija.....	5
4.2. Servizzi u investiment, kummerċ diġitali, akkwist pubbliku, u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju 7	
4.3. Drittijiet ta' proprjetà intellettuali	9
4.4. Kundizzjonijiet ekwi.....	9
4.5. Enerġija	10
4.6. Trasport.....	11
4.7. Sajd	12
4.8. Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.....	12
4.9. Infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f' materji kriminali	13
4.10. Assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' ċerti programmi tal-UE	13
4.11. Oqsma oħrajn.....	14
5. Żviluppi fid-dritt tar-Renju Unit.....	14
6. Konklużjonijiet	16
Annex 1: Laqgħat tal-korpi konġunti u ta' strutturi oħrajn stabbiliti mill-FKK.....	17
Annex 2: Deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u dikjarazzjonijiet adottati mill-Kunsill ta' Sħubija u mill-Kumitati stabbiliti mill-FKK	19
Annex 3: Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati mal-FKK li ntlaħaq qbil dwarhom fil-Fehim Komuni.....	20

1. Introduzzjoni

Fl-2025, l-Unjoni Ewropea (UE) u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-Renju Unit) għamlu pass sinifikanti 'l quddiem fir-relazzjoni tagħhom billi organizzaw l-ewwel summit bilaterali mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Is-summit tad-19 ta' Mejju 2025 f'Londra fisser impenn imġedded għall-kooperazzjoni. Il-mexxejja laqgħu l-ftehim dwar is-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u r-Renju Unit u qablu li jstabilixxu sħubija strateġika ġdida¹ bbażata fuq il-Ftehim dwar il-Ħruġ², inkluż il-Qafas ta' Windsor³, u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK, jew "il-Ftehim")⁴.

L-aġenda mġedda għal kooperazzjoni bilaterali msaħħa – il-Ftehim Komuni⁵ - tirrifletti impenn kondiviż għall-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u leali ta' dawn il-ftehimiet. Fir-rigward tal-FKK, il-Ftehim Komuni jiddeskrivi azzjonijiet biex tiżdied il-kooperazzjoni, inkluż l-iżgurar ta' aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038, l-estensjoni tal-kooperazzjoni fl-enerġija, it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni fis-sigurtà tas-saħħa, il-progress tar-rabta tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, l-indirizzar tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tas-servizzi tal-FKK, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, tal-infurzar tal-liġi, tal-politika tal-kompetizzjoni u l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mal-programm Erasmus+.

Sa tmiem l-2025, kien intlaħaq progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Komuni. Fil-prinċipju ġie żgurat ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-Erasmus⁶, u ġew konklużi diskussjonijiet esploratorji dwar il-parteċipazzjoni possibbli tar-Renju Unit fis-suq intern tal-elettriku tal-UE, li wittu t-triq għal progress ulterjuri fl-2026.

Il-kooperazzjoni kompliet ukoll fuq għadd ta' inizjattivi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FKK. Dawn kienu jinkludu n-negozjar ta' ftehimiet dwar żona sanitarja u fitosanitarja komuni u l-Iskema ta' Esperjenzi għaż-Żgħażaġħ, kif ukoll kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni irregolari, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha. Iż-żewġ naħat impenjaw ruħhom ukoll li jiskambjaw informazzjoni dwar il-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u li jsewju djalogi regolatorji tekniċi dwar it-teknoloġiji tal-enerġija, ir-riskji u t-theddid tad-droga.

Dan il-ħames rapport dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-FKK, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021⁷, jippreżenta

¹ UK-EU Summit 2025 - Joint Statement https://www.consilium.europa.eu/media/ledla1hi/eu-uk_joint-statement.pdf.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika 2019/C 384 I/01 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A12019W/TXT%2802%29>.

³ Windsor Political Declaration by the European Commission and the Government of the United Kingdom https://commission.europa.eu/publications/windsor-political-declaration-european-commission-and-government-united-kingdom_en.

⁴ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689\(1\)/oj/mlt](https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj/mlt).

⁵ A renewed agenda for European Union – United Kingdom cooperation Common Understanding https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/statement_25_1267.

⁶ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/statement_25_3103.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni

żviluppi ewlenin fl-2025. Ikopri l-funzjonament tal-qafas istituzzjonali (it-Taqsima 2), l-ilmenti u s-soluzzjoni tat-tilwim (it-Taqsima 3), u l-progress fid-diversi oqsma tal-FKK, inklużi aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ntlaħaq qbil dwarhom fil-Fehim Komuni (it-Taqsima 4). Ir-rapport jenfasizza wkoll l-iżviluppi leġiżlattivi fir-Renju Unit li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-FKK (it-Taqsima 5).

2. Qafas istituzzjonali

Din it-taqsima tiddeskrivi l-attivitajiet u l-iżviluppi ewlenin tal-korpi konġunti u ta' strutturi oħrajn stabbiliti skont il-FKK biex jimmonitorjaw u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tiegħu. Lista sħiħa tal-laqgħat hija ppreżentata fl-Anness 1.

Il-**kumitati** stabbiliti skont l-Artikolu 8 tal-FKK iltaqgħu matul is-sena. Dawn il-laqgħat ippermettew rieżamijiet strutturati tal-progress dwar l-impenji li saru fil-FKK, u pprovdew pjattaforma għal skambji tekniċi dwar diversi kwistjonijiet ta' implimentazzjoni, inklużi l-iżviluppi regolatorji li jmiss. Ġew adottati diversi deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, li huma ppreżentati fl-Anness 2. Fejn rilevanti, il-laqgħat tal-Kumitati Speċjalizzati kienu ppreċeduti mil-laqgħat tal-**gruppi ta' ħidma**, stabbiliti skont l-Artikolu 9 tal-FKK⁸.

L-**Assemblea Parlamentari ta' Sħubija**, stabbilita skont l-Artikolu 11 tal-FKK, iltaqgħet darbtejn: fis-17 u fit-18 ta' Marzu fi Brussell⁹ u fis-17 u fit-18 ta' Novembru f'Londra¹⁰. Dawn il-laqgħat iffukaw fuq il-politika estera u ta' sigurtà, il-klima u l-enerġija, id-drittijiet tal-ħaddiema, l-iskambji kulturali, l-intelliġenza artifiċjali, id-data u l-kooperazzjoni diġitali, l-opportunitajiet għaż-żgħażaġħ, il-kummerċ, il-miżuri doganali, sanitarji u fitosanitarji, u l-kooperazzjoni regolatorja fis-servizzi finanzjarji. Wara l-laqgħa ta' Marzu, l-Assemblea ħarġet rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' Sħubija dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit qabel is-summit tad-19 ta' Mejju¹¹, u wara l-laqgħa ta' Novembru, dwar l-isfidi tas-sigurtà, tal-kummerċ u dawk globali¹².

Il-**Grupp Konsultattiv Domestiku** tal-UE, stabbilit skont l-Artikolu 13 tal-FKK u magħmul minn rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili¹³, iltaqa' diversi drabi fl-2025. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ġunju, il-grupp iddiskuta l-eżitu tas-summit. Din id-diskussjoni rriżultat f'dikjarazzjoni kongunta¹⁴, adottata mal-Grupp Konsultattiv Domestiku tar-Renju

Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2: [ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

⁸ Gruppi ta' Ħidma dwar: il-Prodotti Organiċi, il-Vetturi bil-Mutur u Partijiet, il-Prodotti Mediċinali u l-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali.

⁹ Fifth EU-UK Parliamentary Partnership Assembly, 17-18 March 2025, Brussels.

<https://www.europarl.europa.eu/delegations/en/5th-eu-uk-parliamentary-partnership-asse/product-details/20250224DPU39839>.

¹⁰ <https://www.europarl.europa.eu/delegations/mt/d-uk/activities/inter-parliamentary>.

¹¹ Recommendation on strengthening the EU-UK partnership.

<https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/293904/5th%20PPA%20Recommendation%2017.03.25.pdf>.

¹² <https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/300310/6th%20PPA%20-%20Recommendation%20on%20trade.%20security%20and%20global%20challenges.pdf>.

¹³ Il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE b'rabta mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

<https://www.eesc.europa.eu/mt/sections-other-bodies/other/eu-domestic-advisory-group-under-eu-uk-tca>.

¹⁴ Joint Statement https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/2025-06/eu-uk_dags_joint_statement_2025.pdf.

Unit matul il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Ġunju f'Londra, li talbet l-implimentazzjoni fil-pront tal-azzjonijiet stabbiliti fil-Fehim Komuni. Fil-laqgħa tagħha tas-16 ta' Settembru, il-Kummissjoni pprovdiet aġġornament lill-Grupp Konsultattiv Domestiku dwar l-implimentazzjoni tal-Fehim Komuni.

Il-Forum tas-Soċjeta' Ċivili, stabbilit skont l-Artikolu 14 tal-FKK biex jiffaċilita d-djalogu dwar l-implimentazzjoni tat-Tieni Parti tal-Ftehim, li tkopri l-kummerċ, it-trasport, is-sajd, u arranġamenti oħrajn, sar għar-raba' darba fl-24 ta' Ġunju f'Londra¹⁵. Bħal fis-snin preċedenti, il-forum iffoka fuq kwistjonijiet ta' implimentazzjoni relatati mal-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, l-enerġija u l-klima, il-kundizzjonijiet ekwi, is-sostenibbiltà u l-kooperazzjoni regolatorja. Il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti laqgħu l-momentum fir-relazzjoni wara s-summit tad-19 ta' Mejju u esprimew it-tama li din id-dinamika tkompli.

Il-Kunsill ta' Sħubija ltaqa' fit-2 ta' Frar 2026¹⁶.

3. Ilmenti u soluzzjoni tat-tilwim

Din it-taqsimha tiġbor fil-qosor il-ħidma tal-mekkaniżmi stabbiliti biex jiġu indirizzati l-ilmenti mill-partijiet ikkonċernati tal-UE, jissolva t-tilwim u jiġu infurzati l-impenji tal-FKK.

3.1. Ilmenti

Fl-2025, tressqu sitt ilmenti permezz tal-għodod stabbiliti mill-Kummissjoni biex jiġi żgurat monitoraġġ effiċjenti tal-implimentazzjoni tal-FKK¹⁷. Żewġ ilmenti biss kienu jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-FKK¹⁸. L-erba' sottomissjonijiet li jifdal kienu relatati ma' kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FKK u l-Kummissjoni indirizzathom kif xieraq.

3.2. Soluzzjoni tat-tilwim

Il-proċedimenti ta' arbitraġġ li l-UE bdiet fil-25 ta' Ottubru 2024, skont l-Artikolu 739 tal-FKK, dwar id-deċiżjoni tar-Renju Unit li jipprojbixxi s-sajd taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tiegħu mis-26 ta' Marzu 2024, ġew konklużi fit-28 ta' April 2025.

¹⁵ Fourth EU – UK Trade and Cooperation Agreement Civil Society Forum
https://policy.trade.ec.europa.eu/events/fourth-eu-uk-trade-and-cooperation-agreement-civil-society-forum-2025-06-24_en.

¹⁶ Ir-raba' laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija
[Fourth meeting of the Partnership Council - European Commission](https://ec.europa.eu/press/news/2025/06/24/fourth-meeting-of-the-partnership-council-european-commission)

¹⁷ Kwestjonarju tal-punt ċentrali tal-ilmenti dwar il-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
https://ec.europa.eu/assets/sg/complaint_eu_uk_tca/complaints_mt/ u Single Entry Point
<https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/mt/content/single-entry-point-0>.

¹⁸ Ilment wieħed allega l-applikazzjoni mhux korretta tal-FKK mid-deċiżjoni tal-awtorità ta' Stat Membru li tikkondividi rekords kriminali antiki mar-Renju Unit skont l-Artikolu 649(2). Is-servizzi tal-Kummissjoni vverifikaw il-kwistjoni u infurmaw lill-ilmentatur li huwa d-dritt tal-Istat Membru li jirregola għal kemm żmien għandha tiġi trażmessa l-informazzjoni dwar kundanni antiki u x'se jkun l-ambitu tal-informazzjoni trażmessa. It-tieni lment kien jikkonċerna l-Iskema tar-Renju Unit tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Ġenerazzjoni tal-Elettriku Rinnovabbli - Sensiela ta' Allokazzjoni 7. Fid-data ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni ma kkonkludietx il-valutazzjoni ta' dan l-ilment.

Fid-deċiżjoni tiegħu¹⁹, it-tribunal tal-arbitraġġ sab li l-projbizzjoni tas-sajd taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet Ingliżi kienet inkonsistenti mal-obbligi tar-Renju Unit skont l-Artikolu 496(1) tal-FKK, moqrija flimkien mal-Artikolu 494(3)(f). It-tribunal ikkonkluda li r-Renju Unit kien naqas milli jqis kif xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità fl-adozzjoni tal-miżura. Huwa ddetermina wkoll li b'riżultat ta' dan, ir-Renju Unit kien kiser l-obbligu tiegħu li jagħti aċċess sħiħ għall-ilmijiet tiegħu għas-sajd taċ-ċiċċirell, f'konformità mal-Artikolu 2(1)(a) tal-Anness 38 tal-FKK. Id-deċiżjoni kienet tirrikjedi li r-Renju Unit jieħu l-miżuri neċessarji biex iġib lilu nnifsu f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-FKK.

Ir-Renju Unit sussegwentement irreveđa l-valutazzjoni tiegħu billi inkluda elementi xjentifiċi u valutazzjonijiet tal-impatt aġġornati u ħa deċiżjoni ġdida dwar l-għeluq tal-ilmijiet Ingliżi għas-sajd taċ-ċiċċirell. Fil-25 ta' Ġunju 2025, huwa nnotifika lill-UE bil-miżuri li kien ħa biex iġib lilu nnifsu f'konformità mad-deċiżjoni. Il-Kummissjoni vvalutat dik l-informazzjoni fid-dawl tad-deċiżjoni u kkonkludiet kontra t-talba għal rieżami tal-konformità.

Fir-rigward tal-bord ta' esperti għat-tilwim relatat mal-kapitolu dwar il-kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni miftuħa u ġusta u l-iżvilupp sostenibbli, skont l-Artikolu 409 tal-FKK fit-23 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill biex tistabbilixxi l-lista ta' individwi li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord ta' esperti²⁰.

4. Implimentazzjoni settorjali

Din it-taqsima tenfasizza l-kisbiet fl-oqsma ta' politika koperti mil-FKK, u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ntlaħaq qbil dwarhom fil-Fehim Komuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FKK. Tippreżenta wkoll data dwar il-flussi kummerċjali tal-merkanzija u tas-servizzi bejn l-UE u r-Renju Unit.

4.1. Kummerċ ta' merkanzija

B'mod ġenerali, l-arranġamenti relatati mal-kummerċ stabbiliti fil-FKK kienu effettivi u ffunzjonaw tajjeb.

F'konformità mal-Artikolu 31 tal-FKK, l-UE u r-Renju Unit skambjaw statistika dwar l-importazzjoni²¹. Din turi li madwar 39,5 % tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit u 48,5 % tal-importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit kienu eliġibbli għal trattament preferenzjali skont il-ftehim kummerċjali. Il-flussi kummerċjali li jifdal kienu jikkonċernaw linji tariffarji li diġà kienu mingħajr dazju fuq bażi ta' trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (MFN, most-favoured-nation).

¹⁹ PCA CASE No. 2024-45 <https://pcacases.com/web/sendAttach/70467>.

²⁰ Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' individwi li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord ta' esperti stabbilit taħt l-Artikolu 409 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52026PC0089>

²¹ L-istatistika kopriet l-importazzjonijiet fl-2024.

Ir-rati tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi²² għadhom għoljin u huma komparabbli ma' dawk tas-sena preċedenti: 88 % tal-merkanzija eliġibbli għall-preferenza tal-UE esportata lejn ir-Renju Unit u 83,2 % tal-merkanzija eliġibbli għall-preferenza importata mir-Renju Unit ibbenefikaw mill-preferenzi skont il-FKK. Dawn ir-rati huma konsistenti ma' dawk osservati għal sħab oħrajn li l-UE għandha ftehimiet ta' kummerċ ħieles magħhom²³.

Ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tal-**flussi kummerċjali ta' merkanzija**²⁴ bejn l-UE u r-Renju Unit fl-2025 hija ppreżentata hawn taħt.

L-UE rreġistrat surplus kummerċjali sostanzjali fil-merkanzija mar-Renju Unit, li jammonta għal EUR 188 biljun. L-UE esportat merkanzija b'valur ta' EUR 346 biljun lejn ir-Renju Unit, li jirrappreżenta żieda ta' 0,8 % meta mqabbel mal-2024. L-importazzjonijiet ta' merkanzija mir-Renju Unit ammontaw għal EUR 159 biljun, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 3,1 % meta mqabbel mal-2024.

Is-setturi li juru l-akbar tkabbir fl-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit kienu l-ikel, ix-xorb, u t-tabakk (+3,5 %), il-materja prima (+3,3 %), u s-sustanzi kimiċi u l-prodotti relatati (+3,3 %). L-unika kategorija ta' esportazzjoni li naqset kienet il-fjuwils minerali (-2,5 %). Min-naħa tal-importazzjoni, kien hemm żidiet għall-importazzjonijiet tal-ikel, tax-xorb, u t-tabakk (+3,8 %) u tal-materja prima (+4,1 %), filwaqt li l-importazzjonijiet tal-kategoriji tal-merkanzija li jifdal naqsu. L-akbar tnaqqis ġie osservat fil-fjuwils minerali (-14,2 %). B'mod ġenerali, dawn l-iżviluppi jenfasizzaw diverġenza fid-dinamika tal-kummerċ fis-setturi kollha, u l-prodotti relatati mal-enerġija qed ikomplu jiġu kkuntrattati, filwaqt li l-ikel, ix-xorb, u t-tabakk, u l-materja prima żammew tkabbir moderat.


Meta mqabbel ma' pajjiżi oħrajn mhux tal-UE, il-kummerċ ta' merkanzija tal-UE mar-Renju Unit kien inqas dinamiku. Fl-2025, l-esportazzjonijiet tal-UE lejn pajjiżi oħrajn mhux tal-UE żdiedu bi 2,4 % meta mqabbla mal-2024, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-UE minn pajjiżi oħrajn mhux tal-UE żdiedu bi 2,9 %. Fl-2025, il-kummerċ ta' merkanzija totali mar-Renju Unit kien jammonta għal 9,8 % tal-kummerċ globali tal-UE mas-sħab internazzjonali, tnaqqis minn 10,1 % fl-2024. Ir-Renju Unit baqa' t-tieni l-akbar destinazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-UE, u rċieva 13,1 % tal-esportazzjonijiet tal-merkanzija tal-UE totali, meta mqabbel ma' 13,3 % fl-2024, wara l-Istati Uniti (20,9 %). Min-naħa tal-importazzjoni, ir-Renju Unit kien is-sors ta' 6,3 % tal-importazzjonijiet tal-merkanzija tal-UE, tnaqqis minn 6,7 % fl-2024, u kklassifika fit-tielet post wara ċ-Ċina (22,3 %) u l-Istati Uniti (14,1 %). Dawn iċ-ċifri jikkonfermaw il-kontinwazzjoni ta' xejra identifikata fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni preċedenti dwar l-implimentazzjoni tal-FKK, fejn il-kummerċ ta' merkanzija ma' sħab oħrajn mhux tal-UE kiber b'mod aktar rapidu mill-kummerċ mar-Renju Unit mill-ħruġ tiegħu mill-UE.

²² Ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi tirrifletti s-schem tal-importazzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet li jidhru taħt preferenzi kummerċjali bħala schem tal-valur totali tal-importazzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet eliġibbli għal preferenzi skont il-pajjiż sieħeb.

²³ Għal dettalji ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE, ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Politika Kummerċjali tal-UE: https://policy.trade.ec.europa.eu/enforcement-and-protection/implementing-and-enforcing-eu-trade-agreements_en.

²⁴ Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, iċ-ċifri kollha huma bbażati fuq data tal-Eurostat: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/international-trade-in-goods/overview>.

Meta wieħed iħares lejn kif żviluppa l-kummerċ ta' merkanzija minn meta beda japplika l-FKK fl-2021, l-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit urew tkabbir konsistenti. Fl-2025, l-esportazzjonijiet laħqu EUR 346 biljun, żieda minn EUR 282 biljun fl-2021, żieda ta' 23 %. L-aktar tkabbir annwali b'saħħtu seħħ bejn l-2021 u l-2022, li jirrifletti rkupru mill-impatt tal-COVID-19. B'kuntrast ma' dan, l-importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit seggeww perkors aktar volatili, b'żieda drastika minn EUR 147 biljun fl-2021 għal EUR 216-il biljun fl-2022, u dan jirrifletti wkoll l-aġġustament ta' wara l-pandemija, qabel ma naqsu b'mod kostanti għal EUR 159 biljun fl-2025. Din id-diverġenza bejn l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tissuġġerixxi li l-ekonomija tal-UE adattat b'mod effettiv għall-kundizzjonijiet kummerċjali l-ġodda mar-Renju Unit wara t-tluq tiegħu mill-UE.



Illustrazzjoni 1: Kummerċ ta' merkanzija tal-UE mar-Renju Unit, 2021-2025, f'biljuni ta' EUR, sors: Eurostat (sett tad-data [ext It maineu](#))

4.2. Servizzi u investment, kummerċ diġitali, akkwist pubbliku, u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

L-implimentazzjoni tal-FKK fl-oqsma tas-servizzi u tal-investment, tal-kummerċ diġitali, tal-proprjetà intellettuali, tal-akkwist pubbliku, u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ġeneralment ipproċediet mingħajr xkiel, bl-eċċezzjoni ta' problemi persistenti relatati mas-sistema ta' sponsorizzazzjoni għall-viżi²⁵ tar-Renju Unit applikata għall-fornituri ta' servizzi tal-UE li huma koperti mill-FKK.

Mill-2022, l-UE qajmet tħassib b'mod konsistenti fi ħdan il-korpi konġunti tal-FKK dwar il-kumplessità tas-sistema, il-piż sproporzjonat, u n-nuqqas ta' ċarezza²⁶. Ir-rekwiżit ta'

²⁵ Service Supplier visa (Global Business Mobility) <https://www.gov.uk/service-supplier-visa/eligibility>.

²⁶ Ara r-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FKK għas-snin 2022, 2023 u 2024.

sponsorizzazzjoni jkompli jfixkel l-implimentazzjoni effettiva tal-FKK għall-fornituri ta' servizzi tal-UE, kif rifless mill-ħruġ ta' 49 viża biss fl-ewwel 9 xhur tal-2025 lin-nazzjonali tal-UE taħt ir-rotta tal-Fornituri ta' Servizzi, li tkopri lill-Professjonisti Indipendenti tal-UE u lill-Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali. B'riżultat ta' dan, il-fornituri ta' servizzi tal-UE jkomplu jiltaqgħu ma' ostakli sinifikanti biex jaqdu lill-klijenti fir-Renju Unit, filwaqt li l-gvern iżomm lura milli jindirizza l-kwistjoni. Kif miftiehem fil-Fehim Komuni, djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-FKK dwar id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju, għandu l-għan li jsolvi din il-kwistjoni li ilha teżisti u li xxekkel l-implimentazzjoni sħiħa tal-FKK.

Ġie stabbilit djalogu ieħor dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-FKK dwar ir-**rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali**, f'konformità mal-Fehim Komuni.

Fil-qasam tas-**servizzi finanzjarji**, il-Forum Regolatorju Finanzjarju UE - Renju Unit, li sar f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil²⁷ tal-2023, iltaqa' darbtejn fl-2025: fit-12 ta' Frar f'Londra u fl-1 ta' Ottubru fi Brussell. Id-diskussjonijiet koprew firxa ta' suġġetti, inklużi l-prospetti ta' stabbiltà makroekonomika u finanzjarja, ir-regolamentazzjoni bankarja, il-finanzi diġitali, ir-riformi tas-suq kapitali u l-finanzi sostenibbli. Wara ż-żewġ laqgħat, inħarġu dikjarazzjonijiet kongunti²⁸ li jiġbru fil-qosor l-eżiti.

Ħarsa ġenerali lejn il-**flussi kummerċjali fis-servizzi** bejn l-UE u r-Renju Unit fl-2025 hija pprovduta hawn taħt²⁹.

Fl-ewwel tliet trimestri tal-2025, l-UE esportat servizzi b'valur ta' EUR 230 biljun lir-Renju Unit, u dan jirrappreżenta żieda ta' 5,1 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2024. Il-valur tal-importazzjonijiet mir-Renju Unit fl-ewwel tliet trimestri tal-2025 kien ta' EUR 183 biljun, li jirrappreżenta żieda ta' 4 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2024. Fl-ewwel tliet trimestri tal-2025, l-UE kellha surplus fil-kummerċ tas-servizzi mar-Renju Unit ta' EUR 47 biljun. Is-setturi li fihom l-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit irreġistraw l-akbar tkabbir fl-2025 meta mqabbla mal-2024 kienu s-servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija (+20,7 %) u l-imposti għall-użu tal-proprjetà intellettwali (+20,3 %). Min-naħa tal-importazzjoni, l-akbar żidiet mir-Renju Unit ġew osservati fl-imposti għall-użu ta' proprjetà intellettwali (+15 %), segwiti mill-ivvjaġġar (+12,2 %).

Fl-ewwel tliet trimestri tal-2025, il-kummerċ totali fis-servizzi mar-Renju Unit ammonta għal 18,7 % tal-kummerċ totali tal-UE mas-sħab internazzjonali tagħha, tnaqqis minn 18,6 % fl-istess perjodu tal-2024. Ir-Renju Unit kien id-destinazzjoni ta' 19,8 % tal-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-UE fl-ewwel tliet trimestri tal-2025 (meta mqabbel ma' 19,1 % fl-istess perjodu tal-2024), fit-tieni post wara l-Istati Uniti (21,5 %). Ir-Renju Unit kien l-oriġini ta' 17,5 % tal-importazzjonijiet tal-UE fl-ewwel tliet trimestri tal-2025 (meta mqabbel ma' 17,9 % fl-istess perjodu tal-2024), fit-tieni post wara l-Istati Uniti (36,5 %).

²⁷ Memorandum of Understanding establishing a framework for financial services regulatory cooperation between the European Union and the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland: https://finance.ec.europa.eu/system/files/2023-09/230627-memorandum-understanding-financial-services-eu-uk_en.pdf.


²⁸ https://finance.ec.europa.eu/eu-and-world/bilateral-relations/regulatory-dialogues-united-kingdom_en.

²⁹ Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, iċ-ċifri kollha huma bbażati fuq data tal-Eurostat:

<https://ec.europa.eu/eurostat/web/balance-of-payments/overview> u

<https://ec.europa.eu/eurostat/web/international-trade-in-services/overview>.

Meta wieħed iħares lejn kif żviluppa l-kummerċ fis-servizzi minn meta beda japplika l-FKK fl-2021, l-esportazzjonijiet tal-UE ta' servizzi lejn ir-Renju Unit urew tkabbir kostanti, li żdiedu minn EUR 150 biljun fl-ewwel tliet trimestri tal-2021 għal EUR 230 biljun fl-ewwel tliet trimestri tal-2025, żieda ta' aktar minn 53 %. L-importazzjonijiet tal-UE ta' servizzi mir-Renju Unit żdiedu wkoll b'mod kostanti, minn EUR 125 biljun fl-2021 għal EUR 183 biljun fl-2025 (+47 %). L-akbar tkabbir seħħ bejn l-2021 u l-2022, li jirrifletti rkupru mill-impatt tal-COVID-19 fuq l-ivvjaġġar, it-turiżmu, u setturi tas-servizzi oħrajn. B'mod ġenerali, dawn ix-xejriet jindikaw li l-kummerċ fis-servizzi mar-Renju Unit qed jespandi b'mod kostanti kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet.



Illustrazzjoni 2: Kummerċ tal-UE fis-servizzi mar-Renju Unit, l-ewwel tliet trimestri tal-2021-2025, biljuni ta' EUR, sors: Eurostat (sett tad-data [bop_eu6_q](#))

4.3. Drittijiet ta' proprjetà intellettuali

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-UE u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tar-Renju Unit komplew id-diskussjonijiet tagħhom dwar memorandum ta' qbil biex itejbu l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-proprjetà intellettuali, kif imsemmi fl-Artikolu 273(2)(g) tal-FKK.

4.4. Kundizzjonijiet ekwi

Kif innotat fil-Fehim Komuni, l-ewwel ftehim supplimentari skont l-Artikolu 361(4) tal-FKK intlaħaq fl-2025 u ġie ffirmat fil-25 ta' Frar 2026³⁰. Il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni fil-Kompetizzjoni:

³⁰ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_26_454

- jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni bejn, minn naħa, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri tal-UE u, min-naħa l-oħra, il-Competition and Markets Authority tar-Renju Unit;
- jipprevedi li għandhom isiru investigazzjonijiet antitrust u dwar il-fużjonijiet importanti għall-attenzjoni ta' kull parti;
- jippermetti l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet bejn il-ġurisdizzjonijiet involuti meta jkun neċessarju (li min-naħa tal-UE jistgħu jinvolvu lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri, skont il-każ);
- jistabbilixxi prinċipji ċari ta' kooperazzjoni mfassla biex jiġu evitati kunflitti bejn il-ġurisdizzjonijiet.

4.5. Enerġija

L-aktar żvilupp sinifikanti relatat mal-enerġija fl-2025 kien il-ftehim politiku li ntlaħaq fis-summit bejn l-UE u r-Renju Unit fid-19 ta' Mejju biex tiġi estiża l-kooperazzjoni fl-enerġija bejn il-partijiet fuq bażi kontinwa. Iż-żewġ naħat kellhom l-istess fehim politiku li l-oġettivi tal-FKK relatati mal-enerġija għandhom jiġu segwiti fuq bażi kontinwa, u b'hekk ikun xieraq li tiġi estiża l-applikazzjoni tat-titolu tal-enerġija. Dan ġie fformalizzat permezz tal-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Nru 1/2025³¹ u tad-Deċiżjoni Nru 2/2025³² tal-Kunsill ta' Sħubija tad-19 ta' Ġunju 2025 li tipprevedi l-ewwel estensjoni sal-31 ta' Marzu 2027. Dan il-qafas joffri stabbiltà u prevedibbiltà għall-partijiet ikkonċernati kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit, jiffaċilita n-negozju, u jiżgura l-istabbiltà tas-suq.

Fir-rigward tal-arranġamenti għan-negozjar tal-elettriku, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija kompli bl-eżami tiegħu tal-Akkoppjament Laxk Multireġjonali tal-Volumi (MRLVC, Multi-Region Loose Volume Coupling) imsemmi fl-Anness 29 tal-FKK. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni Nru 1/2024³³, l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-elettriku tal-UE u tar-Renju Unit ippreżentaw lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija rapport konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-MRLVC fit-30 ta' Settembru 2025. Min-naħa tagħhom, fis-27 u fit-28 ta' Ottubru 2025 rispettivament, ir-regolaturi tal-enerġija nazzjonali tar-Renju Unit u l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ppreżentaw l-opinjoni informali tagħhom lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija, li se jivvaluta ulterjorment l-opinjoni fl-2026. Dawn id-dokumenti ma stabbilewx mod sodisfaċenti ta' kif wieħed jipproċedi bl-MRLVC.

³¹ Id-Dikjarazzjoni Konġunta 1/2025 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tad-19 ta' Ġunju 2025 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501232.

³² Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tad-19 ta' Ġunju 2025 li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 331(2) u li testendi l-applikazzjoni tat-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII dwar l-enerġija, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501230.

³³ Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1/2024 tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (I), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa l-waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tad-19 ta' Diċembru 2024 lil kull Parti dwar it-tnejn tal-proċeduri tekniċi għall-użu effiċjenti tal-interkonnetturi tal-elettriku: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=OJ:L_202500706.

B'riżultat ta' dan, abbażi tal-Fehim Komuni, il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit kellhom taħditiet esploratorji dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern tal-elettriku tal-UE u kkonkludewhom. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni Ewropea adottat rakkomandazzjoni għal qafas ta' negozjar għall-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern tal-elettriku tal-UE u dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni tal-UE³⁴.

Fl-aħħar nett, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista, stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2/2024³⁵ tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija, iltaqa' tliet darbiet fl-2025 biex jadotta t-Termini ta' Referenza tiegħu u biex jiddiskuti s-sigurtà tal-provvista qabel il-perjodi tas-sajf u tax-xitwa.

4.6. Trasport

L-implimentazzjoni tal-FKK fil-qasam tat-trasport ipproċediet mingħajr xkiel, u ffukat fuq l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet mogħtija reċiprokament mill-partijiet.

Fil-qasam tas-**sikurezza tal-avjazzjoni**, mit-32 applikazzjoni għall-validazzjoni taċ-ċertifikati maħruġa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Renju Unit, 23 ġew approvati mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-UE (EASA, European Union Aviation Safety Agency) skont l-Artikolu 446 flimkien mal-Anness 30 tal-FKK. Bl-appoġġ tal-EASA, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ivvalidaw 4 minn 11-il proġett sottomessi mill-applikanti tal-UE, li huwa konsistenti mal-livelli ta' attività mistennija għall-validazzjoni taċ-ċertifikati.

Fil-qasam tat-**trasport bl-ajru**, sa tmiem l-2025, it-traffiku tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit kien mistenni li jkun laħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija. Ġew konklużi total ta' 26 arranġament dwar is-servizzi u l-proċeduri tal-merkanzija kollha għall-approvazzjoni ta' titjiriet mhux skedati bejn l-Istati Membri tal-UE u r-Renju Unit skont l-Artikoli 419(4) u 419(9) tal-FKK³⁶. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE u r-Renju Unit taw awtorizzazzjonijiet *ad hoc* għal titjiriet skedati li jgħorru merkanzija jew passiġġieri bejn ir-Renju Unit u l-UE lil hinn mil-libertajiet previsti fl-Artikolu 419 tal-FKK. Ir-Renju Unit u 25 Stat Membru taw dawn l-awtorizzazzjonijiet permezz ta' "permessi ta' kategorija" li jkopru għadd ta' titjiriet għal trasportatur bl-ajru partikolari.

Fil-qasam tat-**trasport bit-triq**, komplet il-ħidma biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-FKK dwar l-iskambju ta' informazzjoni u d-data li tinsab fir-reġistri elettroniċi nazzjonali (ara l-Artikolu 14, it-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-FKK). Dan inkluda l-konnessjoni, mill-1 ta' Jannar 2026, tar-Renju Unit mar-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq, li jgħaqqdu r-reġistri nazzjonali tal-operaturi tat-trasport bit-triq, li

³⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/HTML/?uri=COM:2025:804:FIN>.

³⁵ Id-Deċiżjoni Nru 2/2024 tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija stabbilit bl-Artikolu 8(1)(l) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tas-7 ta' Novembru 2024 rigward l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A22025D0705&qid=1756375999645>.

³⁶ L-Istati Membri li ġejjin iffirmaw ftehimiet bilaterali mar-Renju Unit: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Ġreċja, l-Ungerija, l-Italja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Iżvezja.

jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni dwar ksur serju mwettaq minn impriżi tat-trasport bit-triq fil-Parti l-oħra, kif ukoll informazzjoni oħra li tinsab fir-reġistri elettroniċi nazzjonali. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni u jtejbju l-kondiviżjoni tad-data bejn l-UE u r-Renju Unit, u ġew ifformalizzati permezz tad-Deċiżjonijiet Nru 1/2025, Nru 2/2025 u Nru 3/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq³⁷.

4.7. Sajd

Il-ftehim politiku importanti li ntlaħaq fis-Summit bejn l-UE u r-Renju Unit biex jiġi ggarantit aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet wara t-30 ta' Ġunju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2038 huwa l-aktar żvilupp sinifikanti fil-qasam tas-sajd. Dan il-ftehim, ifformalizzat permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2025³⁸ tal-Kunsill ta' Sħubija u d-Deċiżjoni Nru 1/2025³⁹ tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd skont il-FKK, jipprovdi stabbiltà u prevedibbiltà fit-tul għas-sajjieda tal-UE, jiżgura d-drittijiet u jissalvagwardja l-għajxien tagħhom, u jfisser pass sinifikanti 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Komuni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni daħlet b'mod attiv f'diskussjonijiet mar-Renju Unit rigward iż-żoni marini protetti tiegħu. Filwaqt li tappoġġa bis-sħiħ il-protezzjoni tal-ekosistemi marini, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa ta' approċċi li jibbilanċjaw il-konservazzjoni ma' kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-sajd tal-UE. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata favur dialogu kostruttiv mal-awtoritajiet tar-Renju Unit.

Fl-aħħar nett, f'Diċembru 2025, l-UE u r-Renju Unit ikkonkludew il-konsultazzjonijiet annwali tagħhom skont l-Artikolu 498 tal-FKK biex jiddeterminaw il-qabdiet totali permissibbli għall-istokkijiet kondiviżi fl-2026. Il-ftehim jiżgura li l-flotot tal-UE jistgħu jistadu sa 288 000 tonnellata, b'valur ta' aktar minn EUR 1,2 biljun.

4.8. Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

Bħal fi snin preċedenti, l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali għall-FKK ("il-Protokoll") kompliet b'mod kostruttiv, mingħajr ma ġiet identifikata l-ebda kwistjoni sistemika jew strutturali.

³⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq dwar lista tal-kategoriji, tat-tipi u tal-gradi ta' serjetà ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq [EUR-Lex - 22025D2330 - MT- EUR-Lex](#) u d-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202502331

³⁸ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa Waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tat-18 ta' Ġunju 2025 li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 508(2)(d) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501229.

³⁹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd dwar il-livell u l-kundizzjonijiet tal-aċċess mogħti minn kull Parti lill-bastimenti tal-Parti l-oħra biex jistadu fl-ilmijiet tagħha mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2038: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202501231.

Il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali wettaq il-ħidma teknika tiegħu, b'mod partikolari fuq: (i) il-bidliet fid-dokumenti elettroniċi strutturati u fid-dokumenti portabbli; (ii) il-proċeduri għar-rimborż tal-kost tal-benefiċċji tal-mard; u (iii) it-traspożizzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali; u (iv) taħditiet esploratorji dwar il-possibbiltà li tiġi inkluża dispożizzjoni ġdida fir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Protokoll, li tippermetti lill-Istati jidderogaw mir-regoli dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli bi ftehim komuni f'sitwazzjonijiet definiti sew u fl-interess tal-persuni kkonċernati. Fl-2025 ma ġiet adottata l-ebda Deċiżjoni jew Rakkomandazzjoni.

4.9. Infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

Fl-2025, sar progress ulterjuri fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni f'dan il-qasam.

Sal-aħħar tas-sena, 25 Stat Membru u r-Renju Unit kienu taw lil xulxin aċċess għall-bażijiet tad-data tal-marki tas-swaba' nazzjonali tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 534 tal-FKK. Dan inbena fuq il-progress li sar fl-2024, meta l-Istati Membri kollha u r-Renju Unit kienu taw lil xulxin aċċess għall-bażijiet tad-data tad-DNA nazzjonali tagħhom għal tiftix awtomatizzat, f'konformità mal-Artikolu 530 tal-FKK.

Fir-rigward tal-iskambju tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, saru żjara ta' evalwazzjoni u proġett pilota fir-Renju Unit biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tiegħu tal-obbligi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II tal-FKK. Abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni li rriżulta tas-17 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill se jiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jibdew jipprovdu data lir-Renju Unit. Ladarba din id-deċiżjoni tkun ġiet adottata, kemm l-Istati Membri kif ukoll ir-Renju Unit se jkunu jistgħu jwettqu tfittxijiet awtomatizzati fil-bażijiet tad-data nazzjonali ta' xulxin, kif previst fl-Artikolu 537 tal-FKK.

Fl-24 ta' Settembru, il-Europol u n-National Crime Agency tar-Renju Unit iffirmaw arranġament ta' ħidma dwar l-uffiċjali ta' kollegament sekondati mir-Renju Unit lill-Europol. Dan jippermetti lir-Renju Unit jissekonda sa mhux aktar minn 20 uffiċjal ta' kollegament lill-Europol u jispeċifika l-kompiti tal-uffiċjali ta' kollegament, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u l-kostijiet involuti f'konformità mal-Artikolu 577(2)(d) tal-FKK.

F'konformità mal-Artikolu 630(2) tal-FKK, l-UE rrieżaminat in-notifiki tagħha lir-Renju Unit fir-rigward tal-konsenja tal-persuni rikjesti u nnotifikat lill-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja kif xieraq. Tali rieżami jrid isir kull 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tal-FKK⁴⁰.

4.10. Assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' ċerti programmi tal-UE

Mill-2024, ir-Renju Unit ġie assoċjat ma' diversi programmi tal-UE, inkluż Orizzont Ewropa u l-komponent Copernicus tal-programm Spazjali tal-Unjoni. Dan jippermetti lill-entitajiet mir-Renju Unit jinvolvu ruħhom fi proġetti kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni madwar l-UE u lil hinn minnha.

⁴⁰ Notifiki skont il-Parti Tlieta — Infurzar tal-Liġi u Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit — Rieżami tan-notifiki magħmula lir-Renju Unit bħala parti mir-rieżami konġunt tat-Tielet Parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (l-Artikolu 630 tal-FKK): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:C_202506451.

Skont l-aħħar data⁴¹, mill-2024 ir-Renju Unit kien ir-raba' l-akbar riċevitur ta' għotjiet tal-pajjiżi parteċipanti kollha (wara l-Ġermanja, Spanja, u Franza⁴²), u l-entitajiet tar-Renju Unit żguraw madwar EUR 1,2 biljun f'finanzjament ta' Orizzont Ewropa. Ir-Renju Unit huwa minn ta' quddiem ukoll fl-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, li jippermettu lill-universitajiet u lill-istituzzjonijiet tiegħu jipparteċipaw f'networks ta' dottorat u jikkoordinaw proġetti.

Barra minn hekk, fis-summit ta' Mejju 2025, iż-żewġ partijiet qablu li jaħdmu lejn l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mal-programm Erasmus+. In-negozjati għall-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 2027 ġew konklużi mill-Kummissjoni f'Diċembru 2025⁴³. Dawn se jiġu segwiti minn proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill għal emenda tal-Protokoll I tal-FKK, li min-naħa tagħha se tiġi segwita mill-passi leġiżlattivi u proċedurali meħtieġa biex il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni jadotta t-termini aġġornati tal-Protokoll I, li jirregola l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mal-Erasmus+. Dan ifisser pass sinifikanti lejn parteċipazzjoni usa' fil-mobbiltajiet bejn l-UE u r-Renju Unit, kif ukoll kooperazzjoni fis-setturi kollha koperti mill-programm (l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport).

4.11. Oqsma oħrajn

Fil-qasam tas-**sigurtà tas-saħħa**, saru taħditiet esploratorji bil-għan li tiġi mmassimizzata l-kooperazzjoni bilaterali dwar id-detezzjoni ta' pandemiji futuri u t-tnejjja għalihom, u dwar ir-rispons għal theddid emerġenti għas-saħħa.

F'konformità mal-Fehim Komuni u wara l-adozzjoni mill-Kunsill fil-11 ta' Ġunju 2025 ta' Deciżjoni⁴⁴ u ta' direttivi ta' negozjar, bdew in-negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim internazzjonali dwar l-**Iskema ta' Esperjenzi għaż-Żgħażaġħ**, li tintroduċi perkors ġdid għall-viża u li tiffaċilita l-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh mill-UE u mir-Renju Unit f'firxa ta' attivitajiet.

5. Żviluppi fid-dritt tar-Renju Unit

Skont il-monitoraġġ li għaddej mill-Kummissjoni, din it-taqsimha tirrieżamina l-iżviluppi leġiżlattivi fir-Renju Unit, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689, b'enfasi partikolari fuq l-aktar miżuri sinifikanti rilevanti għall-implimentazzjoni tal-FKK.

Fil-qasam tal-**kontroll tas-sussidji**, il-gvern kompli jirfina l-qafas stabbilit skont is-Subsidy Control Act 2022⁴⁵. Ir-Regolamenti (Emendatorji) dwar il-Kontroll tas-Sussidji (Sussidji u Skemi ta' Interess jew ta' Interess Partikolari) tal-2025⁴⁶, effettivi minn Awwissu 2025, żiedu l-limitu finanzjarju għar-riferiment obbligatorju ta' sussidji u ta' skemi f'setturi mhux

⁴¹ Data minn Ottubru 2025

⁴² Id-Dashbord ta' Orizzont: [R&I Country Profile - Welcome | Sheet - Qlik Sense](#)

⁴³ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/statement_25_3103.

⁴⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1286 tal-20 ta' Ġunju 2025 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim dwar skema ta' esperjenzi għaż-żgħażaġh <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2025/1286/oj/mlt>.

⁴⁵ [Subsidy Control Act 2022](#)

⁴⁶ <https://www.legislation.gov.uk/ukxi/2025/845/made>

sensittivi għall-Competition and Markets Authority minn GBP 10 miljun għal GBP 25 miljun. B’riżultat ta’ dan, il-Competition and Markets Authority stmat tnaqqis ta’ 28 % fl-għadd ta’ sussidji skrutinizzati mill-Unità tal-Konsulenza dwar is-Sussidji.

Fil-qasam tal-**istandards tax-xogħol u dawk soċjali**, l-Employment Rights Act 2025⁴⁷ introduċa riformi fil-liġi tal-impjiegi fl-Ingilterra, fl-Iskozja u f’Wales. Id-dispożizzjonijiet ewlenin, li ntlaqgħu mill-UE, jinkludu aġġornamenti fil-proċeduri ta’ sensja, dmirijiet ta’ ugwaljanza għall-impjegaturi, funzjonijiet tat-trade unions u infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq tax-xogħol. B’mod partikolari, dan l-Att ifittex li jtemm kuntratti ta’ żero sigħat billi jagħti drittijiet għal sigħat garantiti u li jimmodernizza l-leġiżlazzjoni tat-trade unions, inkluż billi jħassar l-att kontroversjali bl-isem Strikes (Minimum Service Levels) Act 2023⁴⁸, enfasizzat mill-Kummissjoni fir-rapport ta’ implimentazzjoni tal-FKK tal-2023 tagħha⁴⁹.

Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar **il-klima u l-ambjent**, il-Great British Energy Act 2025⁵⁰ jistabbilixxi Great British Energy (GBE), kumpanija tal-enerġija ta’ proprjetà pubblika inkarigata biex tħaffef l-iżvilupp ta’ enerġija domestika nadifa. Dan l-Att jagħti lil GBE l-awtorità li tinvesti fl-infrastruttura tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u tiġġestha, u b’hekk tippromwovi s-sostenibbiltà ambjentali u s-sigurtà tal-enerġija. B’aktar minn GBP 8,3 biljun li għandhom jiġu investiti, il-Kummissjoni qed tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni biex tiżgura li din tallinja mal-impenji tal-FKK tar-Renju Unit.

Barra minn hekk, il-Planning and Infrastructure Act 2025⁵¹ ifittex li jissimplifika t-twassil tal-infrastruttura kritika billi jintroduċi ppjanar spazjali strateġiku madwar l-Ingilterra u proġetti ewlenin rapidi biex jappoġġa t-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà ambjentali. Dan l-Att jirrevedi r-regoli tal-ippjanar u tal-infrastruttura, u jissostitwixxi l-obbligi tal-ippjanar ambjentali b’imposta fuq l-iżviluppaturi mħallsa fil-Fond għar-Restawr tan-Natura biex jiġu ffinanzjati proġetti ta’ restawr. Jissimplifika wkoll l-approvazzjonijiet għal “proġetti infrastrutturali sinifikanti fil-livell nazzjonali” u għall-infrastruttura tal-elettriku. Dan huwa żvilupp kbir fiż-żona u l-Kummissjoni qed timmonitorja b’mod attiv l-impatt tiegħu fuq il-kummerċ, l-investment u n-nuqqas ta’ konformità potenzjali mal-obbligi ta’ nonriġressjoni skont l-FKK.

Fil-qasam tar-**regolamentazzjoni tal-prodotti**, il-Product Regulation and Metrology Act 2025⁵² jirrappreżenta riforma komprensiva tal-qafas tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti, il-metroloġija, u l-protezzjoni tal-konsumatur. Dan jagħti s-setgħa lis-Segretarju tal-Istat biex jintroduċi regolamenti li jirregolaw is-sikurezza, l-effiċjenza u l-akkuratezza tal-prodotti, inkluż għall-apparati tal-użin u tal-kejl, u jestendi għall-installaturi tal-prodotti. Dan jippermetti wkoll l-istandardizzazzjoni tal-unitajiet ta’ kejl, jistabbilixxi proċeduri għas-sorveljanza regulatorja u jipprevedi koordinazzjoni ma’ amministrazzjonijiet deċentralizzati. Filwaqt li ċerti setturi, bħall-ikel, il-mediċini, it-tagħmir militari, l-inġenji tal-ajru u xi prodotti agrikoli, huma esklużi, dan l-Att jistabbilixxi l-pedamenti għal-leġiżlazzjoni sekondarja futura, inklużi regoli mmirati lejn is-swieq online u l-kummerċ diġitali. Il-

⁴⁷ <https://assets.publishing.service.gov.uk/media/69440cd78f4636fa2c547e8a/employment-rights-act-2025-overview.pdf>.

⁴⁸ <https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2023/39>.

⁴⁹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52024DC0127>.

⁵⁰ <https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2025/16>.

⁵¹ <https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2025/34/enacted>.

⁵² <https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2025/20>.

monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Att huwa vitali biex il-Kummissjoni tkun tista' żżomm il-konformità mal-FKK u tantiċipa l-bidliet regolatorji li jaffettwaw il-kummerċ transfruntier.

Fil-qasam tal-**protezzjoni tad-data**, id-Data (Use and Access) Act 2025⁵³, ippromulgat f'Ġunju 2025 u li daħal fis-seħħ b'mod progressiv bejn Ġunju 2025 u Ġunju 2026, jirrifirma l-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit għall-verifika diġitali u għall-kondiviżjoni tad-data. Dan l-Att jemenda r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Data Protection Act 2018, billi jistabbilixxi raġunijiet legali ġodda għall-ipproċessar tad-data personali f'ċerti oqsma ta' interess pubbliku, jippermetti skemi ta' Data Intelliġenti għall-kondiviżjoni sigura tad-data, joħloq qafas legali għas-servizzi tal-identità diġitali, u jistabbilixxi National Underground Asset Register.

F'Ġunju 2025, il-Kummissjoni Ewropea adottat estensjoni teknika ta' 6 xhur taż-żewġ deċiżjonijiet ta' adegwatezza tal-2021⁵⁴ sabiex tivvaluta l-implikazzjonijiet tad-Data (Use and Access) Act 2025. F'Lulju 2025, hija kkonkludiet li l-qafas legali tar-Renju Unit jipprovdi salvagwardji għall-protezzjoni tad-data, inklużi dawk emendati mid-Data (Use and Access) Act 2025, essenzjalment ekwivalenti għal dawk tal-UE, u sussegwentement nediet il-proċess biex il-Kunsill jadotta deċiżjonijiet ta' adegwatezza ġodda⁵⁵. Fid-19 ta' Diċembru 2025, dawn id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza ġew adottati⁵⁶. Id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza se jiġu rieżaminati perjodikament wara 4 snin u se jiskadu fis-27 ta' Diċembru 2031, sakemm ma jiġux estiżi.

6. Konklużjonijiet

Wara 5 snin ta' implimentazzjoni, il-FKK wera li huwa pedament robust u effettiv għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, li l-implimentazzjoni tiegħu mexxa sew b'mod ġenerali. Il-kwistjonijiet identifikati f'dan ir-rapport jirrappreżentaw eċċezzjonijiet, meta jitqiesu l-firxa u l-profondità tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-FKK.

Kif affermat mill-ġdid fil-Fehim Komuni adottat fl-ewwel summit bejn l-UE u r-Renju Unit fid-19 ta' Mejju 2025, il-FKK jibqa' l-pedament għall-iżvilupp tas-sħubija strateġika l-ġdida bejn l-UE u r-Renju Unit u jkompli jservi bħala l-istrument prinċipali għall-approfondiment tal-kooperazzjoni f'kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tikkonferma li, 5 snin wara, il-FKK jipprovdi qafas stabbli, prevedibbli u ta' benefiċċju reċiproku li se jissaħħaħ ulterjorment bil-ftehimiet il-ġodda previsti skont il-Fehim Komuni.

⁵³ <https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2025/18/contents>.

⁵⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2025 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1772 tat-28 ta' Ġunju 2021 skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali mir-Renju Unit:

https://commission.europa.eu/document/download/adaf1cfc-6c2d-43a4-9e9a-928c64f2f983_en?filename=Extension%20of%20the%20UK%20Data%20Adequacy%20Decision.pdf.

⁵⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1772 tat-28 ta' Ġunju 2021 skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali mir-Renju Unit (notifikata bid-dokument C(2021)4800):

https://commission.europa.eu/document/download/6f636fa0-30d4-4c05-a713-64484ad913fa_en?filename=Draft%20Renewal%20of%20EU%20adequacy%20decision%20for%20the%20UK%20under%20the%20GDPR.pdf.

⁵⁶ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_25_3059.

Annex 1: Laqgħat tal-korpi konġunti u ta' strutturi oħrajn stabbiliti mill-FKK⁵⁷

Data	Korp konġunt/struttura
It-28 ta' Jannar	Sigurtà tal-Provvista tal-Enerġija (Grupp ta' Ħidma): L-ewwel laqgħa
L-4 ta' Frar	Djalogu dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu – l-Artikolu 768 tal-FKK: It-tieni laqgħa
L-10 ta' Frar	Kooperazzjoni mis-superviżuri (ambjent/klima) – l-Artikolu 395 tal-FKK: L-ewwel laqgħa
It-12 ta' Frar	Forum Regolatorju Finanzjarju bejn l-UE u r-Renju Unit: It-tielet laqgħa
Is-26 ta' Frar	Sajd (Grupp ta' Ħidma): Id-disa' laqgħa
Bejn is-17 u t-18 ta' Marzu	Assemblea Parlamentari ta' Sħubija: Il-ħames laqgħa
Il-25 ta' Marzu	Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE: L-14-il laqgħa
L-14 ta' Mejju	Sajd (Kumitat Speċjalizzat): L-10 laqgħa
It-22 ta' Mejju	Sigurtà tal-Provvista tal-Enerġija (Grupp ta' Ħidma): It-tieni laqgħa
L-4 ta' Ġunju	Prodotti organiċi (Grupp ta' Ħidma): It-tieni laqgħa
Il-5 ta' Ġunju	Prodotti Mediċinali (Grupp ta' Ħidma): It-tieni laqgħa
Il-11 ta' Ġunju	Trasport bl-ajru (Kumitat Speċjalizzat): Il-ħames laqgħa
Il-12 ta' Ġunju	Vetturi bil-mutur u partijiet (Grupp ta' Ħidma): It-tieni laqgħa
It-13 ta' Ġunju	Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE: Il-ħmistax-il laqgħa
It-18 ta' Ġunju	Energija (Kumitat Speċjalizzat): Is-sitt laqgħa
L-24 ta' Ġunju	Forum tas-Soċjetà Ċivili: Ir-raba' laqgħa
Is-16 ta' Lulju	Sajd (Grupp ta' Ħidma): L-għaxar laqgħa
Is-17 ta' Settembru	Sajd (Kumitat Speċjalizzat): Il-11-il laqgħa
Id-29 ta' Settembru	Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
L-1 ta' Ottubru	Forum Regolatorju Finanzjarju bejn l-UE u r-Renju Unit: Ir-raba' laqgħa
It-2 ta' Ottubru	Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u tad-Dazji (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
It-8 ta' Ottubru	Akkwist Pubbliku (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Id-9 ta' Ottubru	Proprjetà Intellettwali (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Il-15 ta' Ottubru	Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Il-16 ta' Ottubru	Kooperazzjoni Doganali u Regoli tal-Oriġini (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Il-22 ta' Ottubru	Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ):

⁵⁷ L-aġendi u l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u tal-Kumitati Speċjalizzati skont il-FKK huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/strategy/relations-non-eu-countries/relations-united-kingdom/eu-uk-trade-and-cooperation-agreement/meetings-eu-uk-partnership-council-and-specialised-committees-under-trade-and-cooperation-agreement_en.

	Il-ħames laqgħa
Il-23 ta' Ottubru	Servizzi, Investiment u Kummerċ Diġitali (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Il-30 ta' Ottubru	Trasport bit-Triq (Kumitat Speċjalizzat): Il-ħames laqgħa
Is-6 ta' Novembru	Merkanzija (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Is-7 ta' Novembru	Energija (Kumitat Speċjalizzat): Is-seba' laqgħa
It-12 ta' Novembru	Kooperazzjoni Regulatorja (Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ): Il-ħames laqgħa
Bejn it-18 u d-19 ta' Novembru	Assemblea Parlamentari ta' Sħubija: Is-sitt laqgħa
Il-21 ta' Novembru	Djalogu dwar ir-Reġimi tat-Taxxa Perikolużi: It-tieni laqgħa
Il-26 ta' Novembru	Sikurezza tal-Avjazzjoni (Kumitat Speċjalizzat): Il-ħames laqgħa
L-1 ta' Diċembru	Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (Kumitat Speċjalizzat): Il-ħames laqgħa
L-4 ta' Diċembru	Kumitat ta' Sħubija Kummerċjali: Il-ħames laqgħa
L-4 ta' Diċembru	Infurzar tal-Liġi u Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Kumitat Speċjalizzat): Il-ħames laqgħa
Bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru	Djalogu dwar Kwistjonijiet ċibernetiċi – l-Artikolu 703 tal-FKK: It-tielet laqgħa
Il-15 ta' Diċembru	Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni (Kumitat Speċjalizzat): Il-ħames laqgħa

Annex 2: Deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u dikjarazzjonijiet adottati mill-Kunsill ta' Sħubija u mill-Kumitati stabbiliti mill-FKK

Data	Deċiżjoni jew Rakkomandazzjoni
It-18 ta' Ġunju 2025	Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kunsill tas-Sħubija li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 508(2)(d) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ⁵⁸
Id-19 ta' Ġunju 2025	Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kunsill tas-Sħubija li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 331(2) u li testendi l-applikazzjoni tat-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII dwar l-enerġija, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ⁵⁹
Id-19 ta' Ġunju 2025	Id-Dikjarazzjoni Konġunta 1/2025 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ⁶⁰
Id-19 ta' Ġunju 2025	Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fir-rigward tal-arranġamenti dwar il-livell u l-kundizzjonijiet tal-aċċess mogħti minn kull Parti lill-bastimenti tal-Parti l-oħra biex jistadu fl-ilmijiet tagħha mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2038 ⁶¹
Il-31 ta' Lulju 2025	Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji tal-31 ta' Lulju 2025 li temenda d-Deċiżjoni Nru 4/2023 dwar il-formoli standard għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni u tad-data statistika, it-trażmissjoni tal-informazzjoni permezz tan-network komuni ta' komunikazzjoni u l-arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni ta' kuntatti bejn l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament u d-dipartimenti ta' kollegament ⁶²
It-30 ta' Ottubru 2025	Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq dwar lista tal-kategoriji, tat-tipi u tal-grad ta' serjetà ta' ksor serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ⁶³
It-30 ta' Ottubru 2025	Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri ⁶⁴
It-30 ta' Ottubru 2025	Id-Deċiżjoni Nru 3/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq dwar l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għal ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni u l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq ⁶⁵

⁵⁸ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501229.

⁵⁹ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501230.

⁶⁰ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501232.

⁶¹ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202501231.

⁶² https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202501755.

⁶³ [EUR-Lex - 22025D2330 - MT - EUR-Lex.](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202502331)

⁶⁴ https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202502331

⁶⁵ [EUR-Lex - 22025D2329 - MT - EUR-Lex.](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202502329)

Anness 3: Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati mal-FKK li ntlaħaq qbil dwarhom fil-Fehim Komuni

Azzjoni/qasam ta' kooperazzjoni	Is-sitwazzjoni attwali
Aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038	Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 ⁶⁶ tal-Kunsill tas-Sħubija tat-18 ta' Ġunju 2025 u d-Deċiżjoni Nru 1/2025 ⁶⁷ tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd tal-1 ta' Lulju 2025 jipprevedu aċċess sħiħ u reċiproku għall-ilmijiet lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2038.
Estensjoni tal-kooperazzjoni fl-enerġija	Id-Dikjarazzjoni Nru 1/2025 ⁶⁸ u d-Deċiżjoni Nru 2/2025 ⁶⁹ tal-Kunsill ta' Sħubija tad-19 ta' Ġunju 2025 jipprevedu l-applikazzjoni kontinwa tad-dispożizzjonijiet tal-enerġija tal-FKK. L-ewwel estensjoni se tapplika sal-31 ta' Marzu 2027, b'estensjonijiet ulterjuri li għandhom isegwu fuq bażi annwali.
Il-ħidma lejn ir-rabta bejn is-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet taż-żewġ partijiet	Wara l-adozzjoni tal-mandat ta' negozjar tal-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2025, bdew in-negozjati.
Assoċjazzjoni tar-Renju Unit ma' Erasmus+	In-negozjati għall-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 2027 ġew konklużi mill-Kummissjoni f'Diċembru 2025.
It-tisħiħ tal-forniment ta' servizzi	Djalogi dedikati dwar l-implimentazzjoni tal-FKK fir-rigward tad-dħul u tas-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju, inkluża l-iskema ta' sponsorizzazzjoni, u r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, ir-rapportar lill-korpi konġunti tal-FKK
Il-massimizzazzjoni tal-	Ikomplu t-taħditiet esploratorji.

⁶⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa Waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tat-18 ta' Ġunju 2025 li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 508(2)(d) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501229

⁶⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fir-rigward tal-arranġamenti dwar il-livell u l-kundizzjonijiet tal-aċċess mogħti minn kull Parti lill-bastimenti tal-Parti l-oħra biex jistadu fl-ilmijiet tagħha mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2038 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202501231

⁶⁸ Id-Dikjarazzjoni Konġunta 1/2025 tal-Unjoni u r-Renju Unit fil-Kunsill ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tad-19 ta' Ġunju 2025 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501232

⁶⁹ Id-Deċiżjoni Nru 2/2025 tal-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tad-19 ta' Ġunju 2025 li tagħti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 331(2) u li testendi l-applikazzjoni tat-Tieni Parti, l-Ewwel Intestatura, it-Titolu VIII dwar l-enerġija, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202501230

kooperazzjoni tas-sigurtà tas-saħħa	
It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f' materji kriminali u l-infurzar tal-liġi	Ikompli t-taħditiet esploratorji.
Ftehim ta' kooperazzjoni fil-kompetizzjoni	Il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni fil-Kompetizzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit intlaħaq qbil dwaru fl-2025 u ġie ffirmat fi Frar 2026.